# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D. – PRESIDENT

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018**

**Kawża Numru 2**

**Rikors Numru 162/17**

Fl-Atti taċ-Ċitazzjoni Numru 973/03LSO fl-ismijiet:

Carmel *sive* Charles **ĊILIA**

vs

Emanuel **GATT** u b'digriet tat-13 ta' Marzu, 2018, l-atti ġew trasfużi f'isem Lorenza mart Anthony Debono, Maria Ċilia, Jane Ċilia, Joseph Ċilia, George Ċilia, Doris Żammit, Lina Vella sija għan-nom tagħha kif ukoll għan-nom ta' Alfred Żammit, Polly Vella, Saverin Manġion, Luċia Scicluna, Josephine Micallef, Reverendu Dun Lawrence Żammit, Ġeorġina Żammit, Antoine, Charles u Marcon miżżewġa Micallef, aħwa u wlied il-mejjet Mario Żammit, stante li fil-mori ġie nieqes l-istess Emanuel Gatt

## Il-Qorti:

1. Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba magħmula minn Emanuel Gatt b'rikors tiegħu tat-18 ta' April, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti terġa' tqiegħed il-kawża fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ ħalli jkun jista' jittratta l-appell imressaq minnu, wara li l-appell tiegħu mar deżert b'digriet tal-4 ta' April, 2017;

2. Illi r-rikorrent jgħid li la huwa u lanqas l-avukat tiegħu ma kienu jafu li l-appell tiegħu kien ġie appuntat wara li fl-20 ta' Mejju, 2013, kien appella minn sentenza mogħtija fit-30 ta' April, 2013, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi;

3. Illi b'degriet tal-10 ta' Awwissu, 2017, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-appellat bi żmien għat-tweġiba;

4. Illi fl-10 ta' Awwissu, 2017, stess, l-appellat Carmel *sive* Charles Ċilia ressaq Tweġiba li biha laqa' għat-talba tal-appellant Gatt billi qal li l-Qorti jmissha tiċħad it-talba. Huwa jgħid li ladarba, għal-finjijiet tal-artikolu 963(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-atti tar-Rikors tal-Appell baqgħu ma kinux notifikati lill-appellat sa żmien twil wara ż-żmien perentorju ta' sena msemmi fl-istess artikolu, id-degriet ta' deżerzjoni mogħti minn din il-Qorti fl-4 ta' April, 2017, kien tajjeb u bis-saħħa tiegħu is-sentenza tal-Ewwel Qorti li minnha Gatt kien appella saret ġudikat[1]. Żied jgħid li l-appell mar deżert bi ħtija tal-appellant innifsu li, għal aktar minn tliet snin wara li ressaq l-appell, ma ħax ħsieb jinnotifika bih lill-appellat. Fuq kollox, qal li talba bħal dik magħmula mill-appellant ma messhiex saret b'sempliċi rikors wara li l-kawża kienet diġa' marret deżerta;

5. Illi fil-5 ta' Settembru, 2017, din il-Qorti (diversament komposta) qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ għall-14 ta' Novembru, 2017, iżda billi l-appellant miet f'Ġunju ta' dik is-sena, kellha ssir il-leġittimazzjoni tal-atti;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati waqt is-smigħ tat-3 ta' Lulju, 2018;

7. Rat l-atti kollha tar-Rikors u tal-kawża li għaliha jirreferi, kif ukoll id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għall-provvediment;

---

[1] Art. 963(6) tal-Kap 12

## *Ikkunsidrat:*

8. Illi fl-20 ta' Mejju, 2013, ir-rikorrent Emanuel Gatt ressaq Rikors tal-Appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, kien kundannatu biex jagħti rendikont lill-intimat appellat tat-tmexxija tiegħu tal-ġid tal-mejjet Alfred Gatt u jwettaq ir-radd lura ta' ġid tal-istess mejjet u ta' depożiti jew flejjes oħra li ġabar matul l-imsemmija amministrazzjoni lill-istess intimat appellat, li nħatar bħala werriet universali tal-mejjet zijuh Alfred Gatt; u li biha ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonali tal-istess rikorrent appellant;

9. Illi l-intimat appellat ma kienx laqa' n-notifika tal-imsemmi Rikors tal-Appell. Minn eżami tal-atti relattivi, jidher li n-notifika lill-appellat intalbet li ssir fl-indirizz f'numru tmienja (8), Triq Santa Katerina, Ħal Qormi, li kien l-indirizz li fih kien reġistrat ir-rikorrent appellant. Dak iż-żmien, l-intimat appellat kien reġistrat li joqgħod f'indirizz fi Triq Dun Karm, Birkirkara;

10. Illi ma jirriżultax li reġa' sar xi tentattiv ta' notifika tal-appellat wara dakinhar;

11. Illi f'Novembru tal-2016, l-appell kien appuntat għas-smigħ għas-7 ta' Frar, 2017, iżda la l-intimat appellat u lanqas ir-rikorrent appellant ma laqgħu n-notifika tal-Avviż tas-Smigħ. Jidher li hawnhekk ukoll, l-indirizzi indikati għall-appellant u għall-appellat kienu nqalbu. Fis-17 ta' Novembru, 2016, il-Marixxall għarraf lill-Prokuratriċi Legali tal-appellant Gatt li ma kienx seħħlu jinnotifika lill-istess appellant bl-Avviż tas-Smigħ;

12. Illi fl-ewwel smigħ quddiem din il-Qorti, l-appell tħalla għall-4 ta' April, 2017, għan-notifiki li kien għad iridu jsiru u għall-ħlas tal-garanzija tal-ispejjeż li r-rikorrent appellant kellu jiddepożita b'kawtela għall-appell tiegħu;

13. Illi fl-4 ta' April, 2017, l-intimat appellat deher għas-smigħ, mgħejjun mill-avukat tiegħu, u formalment laqa' l-Avviż tas-Smigħ. Ir-rikorrent appellant u l-avukat tiegħu ma dehrux. Dakinhar, din il-Qorti iddikjarat li l-appell mar deżert. Fit-18 ta' April, 2017, l-appellant ressaq ir-rikors tiegħu bit-talba tallum;

14. Illi, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ssib li t-talba tar-rikorrent ma jistħoqqilhiex tintlaqa' u dan għal aktar minn raġuni waħda;

15. Illi, fl-ewwel lok, l-istitut tad-deżerzjoni huwa maħsub biex jippenalizza lil dik il-parti f'kawża (jew appellant) li ma tkunx qiegħda tmexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnha, għalkemm mhux maħsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawżi u lanqas biex isawwat lill-istess parti (jew appellant, skond il-każ) minħabba ħtiġijiet amministrativi tal-Qorti[2];

16. Illi f'dan ir-rigward, il-liġi tagħmilha ċara li ż-żmien maħsub għad-deżerzjoni tal-kawżi huwa wieħed perentorju u għaldaqstant mhux mogħti li dan jittawwal jekk mhux fiċ-ċirkostanzi espressi maħsuba mil-liġi nnifisha[3]. Fil-każ ta' kawżi fi grad ta' appell, iż-żmien huwa ta' sena li jibda jgħaddi minn dakinhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata. Sa sena minn dakinhar, il-parti appellanti trid tara li l-parti appellata tkun laqgħet in-notifika tar-rikors[4]. Jidher ċar ukoll li, għall-finijiet tad-deżerzjoni fi stadju ta' appell, kulma huwa rilevanti hija d-data ta' meta jitressaq ir-Rikors tal-Appell u l-jum meta tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-parti jew partijiet l-oħra fil-kawża[5];

17. Illi għalhekk, fit-tieni lok, l-argument magħmul mir-rikorrent appellant li kien ilu żmien twil jistenna biex l-appell tiegħu jkun appuntat ma jibdel xejn mill-ħtieġa li huwa kellu li, sa żmien sena minn dakinar li appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, kellu jiżgura ruħu li l-parti appellata tkun laqgħet in-notifika ta' dak ir-Rikors. Mill-atti tal-kawża joħroġ ċar li ma sar l-ebda tentattiv ta' notifika oħra mill-appellant biex issir in-notifika meħtieġa lill-parti l-oħra li baqgħet ma kenitx notifikata bir-Rikors tal-Appell sa dakinhar li l-kawża marret deżerta. Irid jingħad ukoll li l-appellant naqas milli jinqeda bil-fakulta' li tatu din il-Qorti bid-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2017, u bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 963(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

18. Illi, fit-tielet lok, il-liġi ma titfa' fuq ħadd l-obbligu li tgħarraf lill-parti appellanti bin-nuqqas ta' notifika lill-parti appellata bir-Rikors tal-Appell: jaqa' fuq il-parti appellanti li ssegwi b'għaqal l-att li tkun ressqet u li tieħu qies ta' dak li jissemma fir-riferta dwar l-att li tkun ressqet u tagħmel kulma jkun meħtieġ biex tiżgura li l-parti l-oħra tkun notifikata kif imiss u fiż-żmien[6]. Il-liġi[7] titlob biss li tgħarraf bil-miktub lill-partijiet bl-Avviż tas-Smigħ tal-appell, u li, fil-każ fejn l-appellant jibqa' ma jkunx notifikat b'dak l-Avviż,

[2] Ara P.A. GCD **5.11.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dottor Tonio Azzopardi vs Victor Aquilina*** *et*
[3] App. Ċiv. Inf. **7.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Joseph Borġ et***
[4] App. Ċiv. **10.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Marie Stagno Navarra et vs Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp et***
[5] App. Ċiv. Inf. JSP **26.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis X Formosa et vs Carmelo Mifsud et***
[6] App. Ċiv. **10.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Schranz vs Bartholomeo sive Barth Micallef***
[7] Art. 152(2) tal-Kap 12

tgħarraf lill-avukat ta’ dik il-parti bin-nuqqas ta’ notifika. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-Marixxall għarraf lill-Prokuratriċi Legali li iffirmat ir-Rikors tal-Appell tar-rikorrent appellant., Madankollu, r-raġuni li għaliha din il-Qorti iddikjarat l-appell deżert ma kenitx marbuta man-nuqqas ta’ notifika tal-Avviż tas-Smigħ, imma man-nuqqas ta’ notifika tal-intimat appellat bir-Rikors tal-Appell;

19. Illi, fir-raba’ lok, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni magħmula mill-intimat appellat li l-att li ressaq ir-rikorrent appellant mhuwiex dak li kellu jinqeda bih biex sata’ jagħmel talba bħal dik li għamel. Fid-dawl tal-fatt li l-effett immedjat ta’ kawża li tkun marret deżerta fl-istadju tal-appell huwa dak li s-sentenza appellata ssir ġudikat, jidher ċar li dak l-istat ma setax jinbidel b’talba magħmula b’rikors. Jekk l-appellant ried jikseb rimedju, il-liġi tagħtih li jagħmel dan bil-proċedura xierqa fis-sura ta’ Rikors Maħluf u mhux b’rikors biex din il-Qorti tibdel “*contrario imperio*” d-degriet li bih iddikjarat bħala deżert l-appell imressaq minnu[8]. Degriet “*contrario imperio*” jista’ jingħata biss fejn il-kawża tkun għadha tinstema’ u mhux fejn tkun saret ġudikat. Dan ifisser ukoll li, mqar jekk ir-rikorrent appellant kellu raġun, l-att li ressaq biex għamel it-talba tiegħu ma kienx jiswa;

20. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** magħmula fir-rikors tat-18 ta’ April, 2017, **bl-ispejjeż** kontra r-rikorrenti.

**Joseph Azzopardi**
**Prim Imħallef**

**Joseph R. Micallef**
**Imħallef**

**Tonio Mallia**
**Imħallef**

Deputat Reġistratur
df

[8] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Jesmond Sammut vs Peter Aquilina***